*(Imsemmija b'tifħir fil-Konkors tal-Poeżiji)*

# IL-BAĦAR TAL-MISTRIEĦ

Gelgul t'ilma ġieri
Kont ħlomt li q'ed nara,
Li l'hawn u l'hinn jaqbeż
Biex jilħaq lix-xmara;

Il-ħoss kien wisq ħelu,
ta' l-ilma ċar demgħa:
Stħajjiltu bħal leħen
ta' x'anġlu mis-sema.

* * *

Ftit bgħid, xmara wiesgħa
Rajt timxi t-triq tagħha,
wid-dgħajjes ta' fuqha
mexjin bil-môd magħha;

Q'ed tfittex biex tasal
F'tal-baħar ġo l-ilma,
Li l-lejla fil-qamar
Bħal fidda q'ed jilma.

* * *

U l-isfel max-xmara
Iltaqa' l-gelgul:
M'għadux aktar waħdu,
Mhux aktar magħżul.

It-tnejn jiġru l-isfel
Bla telf ta' xejn żmien,
Fil-baħar jinxteħtu
Magħquda, flimkien.

* * *

Il-baħar fi ħdanu
Lit-tnejn mar jilqagħhom.
Mistrieħ sabu, w-hena
Li fis saru tagħhom.

...Kemm tixbaħ il-ħajja
Tal-bniedem lil daw!
Mistrieħ biss fil-BAĦAR
Li FIH nittamaw.

VESPER (J. DEMANUELE).